# Xi xogħlijiet ‘medji’ u ‘kbar’ fir-repertorju ta’ Mro. Antonio Miruzzi

150 sena minn twelidu




Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Dis-sena hija waħda speċjali għad-dinja bandistika Maltija peress li fiha qed niċċelebraw għeluq il-150 sena mit-twelid ta’ wieħed mill-kompożituri lokali l-aktar prolifiċi u versatili. Dan huwa Mro. Antonio Miruzzi (1867 – 1944), li twieled il-Furjana u miet il-Ħamrun. Għal dawn l-aħħar snin, fil-ktieb tal-festa titulari Lijana kelli x-xorti li nikteb mhux ħażin dwaru u ħidmietu bħala surmast-direttur ta’ għadd kbir ta’ baned fosthom, il-Banda ‘Papa Piju X’. Permezz tal-kitba annwali tiegħi wkoll, qed inlaqqagħkom mal-kapolavur illi ħalla lil dis-Soċjetà mużikali – l-Innu Solenni lil ‘Ġesù Salvatur’. Għadaqstant, ħassejt li, għal dis-sena speċjali tkun ħaġa tassew xierqa jekk nikteb dal-artiklu tal-anniversarju fuq xi xogħlijiet ‘medji’ u ‘kbar’ li ħarġu kotrana mill-pinna inimitabbli tiegħu.

Kliem muftieħ: Mro. Antonio Miruzzi, Innu Solenni, Innu di Gloria, Innu Tifħir, University of Malta Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Filarmonica ‘San Ġorġ (Bormla), Soċjetà Filarmonika La Vincitrice (Isla), Soċjetà Mużikali San Ġużepp (Ħamrun), Soċjetà Filarmonica ‘San Piju X’ (Lija), Għaqda Mużikali ‘Sant’ Andrija’ (Luqa), Soċjetà Mużikali Nicolò Isouard (Mosta), Soċjetà Filarmonika Santa Marija (Mosta), Soċjetà Filarmonica Nazionale ‘La Valette’ (Valletta), Soċjetà Mużikali u Filarmonica ‘Leone’ (Victoria, Għawdex), Għaqda Mużikali ‘Beland’ (Żejtun).



Mro. Antonio Miruzzi f'età pjuttost avvanzata

Qabelxejn: Xogħol jissejjaħ ‘medju’ jew ‘kbir’ meta jiskorri ċertu ammont ta’ battuti u jinħtieġlu jinqasam f’numru ta’ movimenti, żgħar jew kbar. Hawn mhux qed nitkellmu fuq sempliċi innu popolari ta’ erba’ u għoxrin battuta kollox bħalm’ hu l-każ tal-*Innu Banda Sant’ Andrija* (Luqa), jew l-*Innu lil Santa Marija* (Għaxaq), jonkella *O del Cielo Regina* (Mosta/Żurrieq). Xogħlijiet ta’ dad-daqs jissejħu ‘żgħar’ minħabba ovvjament il-qosor tagħhom. Hemm imbagħad, xogħlijiet ta’ daqs ‘medju’ li jtulu bejn għaxar sa ħmistax-il minuta. Dawn jinkludu s-*sinfonia*, u li minnhom Miruzzi kiteb kemm-il waħda. Iżda, qabel ma niġu biex nagħtu lista tagħhom u ngħidu kelma fuq uħud minnhom, tajjeb li wieħed jifhem x’inkunu qedin infissru b’dil-kelma ta’ nisel Taljan.




Is-Sinfonia nru 3 in Do minore għal banda ta’ Mro. Antonio Miruzzi (Lulju 1902)

*Sinfonia*: Kelma oħra għal *sinfonia* tista’ tkun ‘overtura’, dik li bl-Ingliż insejħulha *overture*. Din tkun biċċa mużika miktuba biex tindaqq qabel ma jitla’ s-siparju għal xi opra, ballett, oratorju, jew xi esekuzzjoni vokali oħra kbira. L-overtura Taljana kienu jsibuha b’dal-isem għax il-kelma fiha nnifisha tfisser ‘daqq fl-assjem’. Kien Alessandro Scarlatti, kompożitur ċelebri Taljan tas-seklu sbatax, li beda jħaddimha għall-ewwel darba fl-opri tiegħu. Is-*sinfonia* kienet tikkonsisti f’biċċa mużika fi tliet taqsimiet u b’tempijiet differenti biex jikkuntrastaw ma’ xulxin. Illum il-ġurnata, b’overtura nifhmu wkoll dik l-introduzzjoni orkestrali ta’ ftit minuti qabel tibda xi

operetta, jonkella kummiedja, jew film mużikali, u li fiha jindaqqu truf mit-temi ewlenin. Dan jgħin lill-ispettatur biex jidħol aktar malajr fl-atmosfera tal-ispettaklu li ser ikun qed jiżvolġi quddiemu.

Hemm imbagħad, il-*concert overture* li hija forma oħra ta' overtura li rat il-bidu tagħha fis-seklu dsatax minn kompożituri Romantiċi. Dat-tip ta' xogħol huwa wieħed indipendenti u bl-ebda mod m'għandu xi forma ta' konnessjoni mal-opra. Ġeneralment, ikun f'moviment wieħed ta' mużika programmatika u aktarx jieħu l-forma *Sonata* u allura jkun maqsum fi tliet sezzjonijiet. Fost xogħlijiet ewlenin ta' dat-tip insibu *The Hebrides* jew *Fingal's Cave* ta' Mendelssohn, *Carnival Overture* ta' Dvořák, *1812* u *Romeo and Juliet* it-tnejn xogħol ta' Tchaikovsky, u *Cockaigne* tal-kompożitur Ingliż, Elgar.




Sinfonia oħra in Fa Maġġuri għal banda minn ta' Miruzzi mhux datata u li nkitbet b'omaġġ lil Giuseppe Verdi

**Sinfoniji**: Dawn huma uħud mis-sinfoniji (plural ta' *sinfonia*) ta' Mro. Antonio Miruzzi: *La Penseuse* (Overture); *Il barbiere di Siviglia* (Rossini); *La Panserisi*; *Lorna*; u *Ogni principio è forte*. Minn tiegħu għandna wkoll, **is-*Sinfonia no. 3 in Do minore***. Fil-paġna ta' quddiem tal-manuskitt insibu l-firma u d-data ta' *Luglio 1902* ta' meta Miruzzi lesta mill-kitba tagħha. In-numru tlieta wara l-kelma *Sinfonia* jfisser li kien hemm tnejn oħra qabilha li ħarġu mill-pinna tiegħu. Skont Mro. Michael Chircop[1], l-ewwel *Sinfonia* kitibha fl-1892[2] meta kien għadu jistudja l-Italja. Dan kien l-ewwel suċċess fil-karriera mużikali tiegħu bħala kompożitur, u għad li mhux xi xogħol twil, poġġielu futur sabiħ. Liema kienet din is-*Sinfonia* ħadd ma jista' jgħid illum, u tista' faċilment tkun waħda minn dawn li qedin insemmu. Iżda, biex inkomplu fuq is-*sinfonia* t'hawn fuq, l-*Andante* tal-bidu jservi t'introduzzjoni għall-*Allegro Giusto* li jiġi wara, f'temp hekk imsejjaħ, *Tagliato,* jew *A Cappella*, fejn kull battuta tirċievi żewġ minimi. L-arranġament tagħha għall-banda jinkludi ħafna u ħafna strumenti fosthom, it-*terzino*, żewġ obwejiet, *trombone di canto* (trumbun kantabbli), żewġ fagotti, u *basso fagotto* (kontra-fagott) li uħud minnhom m'għadniex jew mhux soltu insibuhom f'banda Maltija.

Xogħol ieħor minn tiegħu jġib l-isem ta' ***Sinfonia 'Omaggio a Verdi' in Fa Maggiore*** li, kif jixhed l-istess isem, Miruzzi kellu affinità, jew affezzjoni, sejħilha li trid, lejn dal-ġgant tal-opra Taljana. Dis-*sinfonia* aktarx li inkitbet fl-istess perjodu tal-oħra peress li, l-arranġament jinkludi xi strumenti milli semmejna hawn fuq, anki jekk, in-nomenklatura tagħhom f'dal-każ hija waħda pjuttost żgħira. Anki bħala tul, ix-xogħol huwa iqsar mill-oħra, u dawn jixhduh l-ammont ta' battuti. It-temp tagħha, immarkat *Allegretto Assai Moderato,* jżomm l-istess ġirja l-ħin kollu, ħlief għal *Più Mosso* fl-aħħar għaxar battuti. U peress li, it-temp hu xi ftit wisq imċaqlaq, ikun aħjar jekk is-$^{6}/_{8}$ jitħabbat *in due*.




Innu 'Lil Ġesù Salvatur' għall-banda Lijana







Innu Solenni 'San Gejtanu' għall-banda Ġużeppina Ħamruniża (1901)

**Innijiet solenni**: Minn dal-innijiet solenni ta' Miruzzi nafu bi tlieta żgur li għadhom jindaqqu sal-ġurnata tal-lum. Minbarra l-Innu Solenni lil 'Ġesù Salvatur' għall-banda Lijana, insibu wkoll l-Innu Solenni '*Alla Beata Maria Vergine*' għas-Soċjetà Filarmonica

[1] 'Tifkira tas-Surmast A. Miruzzi', In-Nazzjon Tagħna, 26 ta'Jannar, 1972.

[2] Din id-data tqajjem ħafna dubji għal fatt li, hu diġà kien ħa f'idejh xi baned Maltin fosthom, 'La Vincitrice' (Isla) u 'Leone' (Victoria, Għawdex). Kien ukoll, *Maestro Istruttore* fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Nazzjonali 'La Valette'.

'Nicolò Isouard' tal-Mosta, u l-Innu Solenni 'San Gejtanu' (1901) għas-Soċjetà Mużikali 'San Ġużepp' tal-Ħamrun. Iżda, hemm innijiet oħrajn minn tiegħu li għadna ma nafux jekk humiex qabelxejn żgħar jew kbar, jew jekk għadhomx jindaqqu, jonkella intilfux. Fost dawn insemmu l-Innu '*Maria Vergine del Mare'* għas-*Società Filarmonica* '*I Cavalieri di Malta*' ta' Tas-Sliema, fuq versi tas-Saċerdot Dun Pawl Vella D.D.[3] Dal-innu kien iżżanżan f'lejlet il-festa ta' Stella Maris fit-23 ta' Awwissu 1902.[4] Hemm ukoll l-Innu '*A Maria Vergine con voci puerili*' li kien indaqq mill-Banda 'Konti Ruġġieru' fil-festa tan-Naxxar fl-1927. Wieħed ma jistax jgħid jekk, dan huwiex l-istess wieħed li jġib l-isem bil-Malti ta' 'Innu lill-Verġni Mbierka' li kien jindaqq f'lejlet u nhar il-festa ta' Santa Marija ġo Ħ'Attard mill-banda msemmija bejn l-1926 u l-1936. F'dan tal-aħħar kienu jkantaw kor tat-tfal bniet u tenur filwaqt li, il-versi tiegħu huma tal-Kav. G. Muscat Azzopardi.[5] Skont Mifsud Matrenza[6] wkoll, Miruzzi kien kiteb l-Innu Solenni 'Sant' Andrea' għall-banda Luqija li ġġib l-istess isem, liema xogħol nemmen li għad isib id-dawl u jibda jindaqq ukoll.



Innu Solenni 'Ġesu sul Tabor' għal banda u kor S.A.T.B. (Parti tat-Timpani)

Innu ieħor minn ta' Miruzzi ta' xejra solenni huwa '*Gesù sul Tabor*' peress li għandu mill-istess dimensjoni ta' innijiet simili. L-innu huwa miktub għal banda u kor S.A.T.B.[7] Għad mhux magħruf x'kienet l-okkażjoni li għaliha nkiteb, imma ma naħsibx li għall-banda Lijana peress li lil din diġà kien irregalalha wieħed iddedikat lil Ġesù Salvatur. '*Gesù Sul Tabor*' jiġi f'diversi taqsimiet fosthom, l-*Allegro Moderato* li fih nsibu t-tema ewlenija li fuqha tista' tgħid idur ix-xogħol kollu bħalma nsibu fil-forma *Rondo*[8]. Infatti, din tidher mhux anqas minn ħames darbiet, darbtejn wara xulxin wara l-*Maestoso* tal-bidu, darb' oħra lejn in-nofs, ukoll wara l-istess passaġġ immarkat *Maestoso,* u darbtejn oħra wara xulxin qabel il-*Finale*. Bejn it-tliet dehriet tal-*Allegro Moderato* nsibu żewġ passaġġi oħra kuntrastanti tal-*Andante Sostenuto* u l-*Andante* rispettivament. Hawn taħt qed inġib biss silta mit-tema tal-*Allegro Moderato*:






Cavatina għal klarinett solo u banda miktub f'Tunis (1895)

Xogħol ieħor minn tiegħu f'vena tassew differenti hija l-*Cavatina nell'Opera 'Attila' Variata per Clarinetto Sib* għal klarinett solo u banda. Dax-xogħol iġib id-data tat-28 ta' Ġunju 1895 u nkiteb meta l-kompożitur kien Tunis. Ta' min jgħid hawnhekk li, għal xi żmien, Miruzzi kien jgħix (jew ġej u sejjer) it-Tuneżija biex jidderieġi l-banda *(Filarmonica) Melitensis 'La Valette*' li kien waqqaf hu stess fuq talba tal-Maltin li kienu jgħixu hemmhekk. Ix-xogħol huwa bbażat fuq silta meħuda mill-opra *Attila* ta' Giuseppe Verdi, opra fi prologu u tlitt atti fuq librett ta' Temistocle Solera.

Analiżi qasira: Wara introduzzjoni mill-banda, jidħol mill-ewwel il-klarinett solo b'kadenza qasira li twassalna għall-*Andante* li fih nisimgħu il-kavatina – arja operistika ta' natura qasira u sempliċi. Il-klarinett jagħlaqha permezz tat-

---

[3] Kien mill-Belt Valletta. Kien bit-tħabrik tiegħu li nbniet il-knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor, Sliema.
[4] Il-gazzetta *Risorgimento* tal-25 t'Awwissu 1902 kienet ġabet li dil-Banda żanżnet innu ġdid lill-Madonna mill-pinna ta' Mro. Miruzzi: '*... il nuovo inno alla Vergina composta del direttore della Filarm. I Cavalieri di Malta, Mro. A. Miruzzi ...*' (14-il profil ta' mużiċisti Għawdxin, Maltin u Barranin ta' Grazio Anton Grech, pġ. 24.)
[5] Minn artiklu ta' Carmel Mallia li jġib l-isem ta' Storja tal-Innijiet.
[6] Joseph Mifsud Matrenza kien l-istorjogarifu ewlieni tas-Soċjetà Ġużeppina Ħamruniża li kellu bosta okkażjonijiet li jitkellem mal-kompożitur dwar il-ħajja mużikali tiegħu.
[7] (S)oprani, (A)lti, (T)enuri, u (B)axxi. Dawn huma l-vuċijiet li niltaqgħu magħhom f'kor magħmul min-nisa u rġiel.
[8] Kompożizzjoni li fiha t-tema ewlenija tirrepeti ruħha diversi drabi f'disinn maħsub. I-taqsimiet l-oħra joffru kuntrast.

tieni kadenza li fiha jibda juri l-kapaċitajiet tekniċi tiegħu.[9] Minn hemm 'il quddiem, it-temp jeqleb minn $^{6}/_{8}$ għal $^{4}/_{4}$ u tibda l-ewwel fażi tal-*Allegro Moderato* li twassalna għat-tielet kadenza pjuttost twila li titlob ħafna ħeffa mingħand is-solist. Ix-xogħol jissokta bit-tieni varjazzjoni li, min-naħa tagħha twassalna għar-raba' u l-aħħar kadenza li fiha l-klarinettist jurina safejn tista' twassal il-ħeffa tal-għaġeb tiegħu. Minn hemm imbagħad, għall-aħħar passaġġ mimli semikromi arpeġġjati u skajjel kromatiċi fuq il-klarinett għall-akkumpanjament leġġer min-naħa tal-banda. Ix-xogħol jagħlaq ħesrem b'żewġ battuti tal-aħħar bil-banda fl-unisonu. Biex nagħtikom idea, hawn taħt qed inġib biss silta mir-raba' kadenza:



Tiegħu għandna wkoll l-*Istabat Mater in Re minore*, did-darba komposta għall-orkestra. Ma setax jonqos li, bħala kompożitur prolifiku Miruzzi ma jiktibx ukoll xogħlijiet sagri. Fost dawn insemmu biss, ir-Responsorji għall-Ġimgħa Mqaddsa, *Vexilla Regis, Sette Parole,* u *Ultima Parola*. L-*Istabat Mater* fiha seba' movimenti, fejn l-ewwel tnejn għandhom isem, u l-bqija innumerati biss:

| | Isem | Temp | Tonalità |
|---|---|---|---|
| | | | |
| 1 | *Stabat Mater* | *Largo* | *Re minore* |
| 2 | *Cujus Animam* | *Largo* | *Re minore* |
| 3 | | *Lugubre* | *Sol minore* |
| 4 | | *Andante* | *Re minore/Sib Maggiore/Re minore* |
| 5 | | *Moderato* | *Mib Maggiore* |
| 6 | | *Largo* | *Do minore/Do Maggiore/Do minore* |
| 7 | | *Largo* | *Re minore* |

Ma jistax jonqos li, l-*iStabat Mater* ma tkunx miżgħuda b'passaġġi mill-aktar melodjużi li jagħrfu jmissu l-ħsus l-aktar profondi tal-bniedem. Ta' min jgħid hawnhekk, li ħafna mill-marċi funebri li kiteb Miruzzi, kitibhom fi żmien l-Ewwel Gwerra Dinjija meta ħafna mis-suldati li mietu fil-gwerra ta' Gallipoli u d-Dardanelli kienu jindifnu fiċ-ċimiterju ta' Braxja, ftit 'il barra mill-Ħamrun. Il-funerali tagħhom għall-akkumpanjament ta' baned militari kienu jmissulu l-qalb mużikali tiegħu u eventwalment ispirawh sabiex jikteb madwar 14-il marċ funebri li għadhom jindaqqu sal-ġurnata tal-lum. Sa sena qabel ma miet fit-23 ta' Ottubru 1944, Miruzzi kien beda jaħdem fuq opra li kellha tkun l-apiċe tiegħu bħala kompożitur prolifiku u mill-aktar versatili.




Stabat Mater in Re minore ta' Miruzzi (Parti tal-vjolin prim)

Il-festa t-tajba lil-Lijani kollha.

Aktar artikli mill-istess awtur dwar ħajjet u ħidmet is-surmast Antonio Miruzzi, jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)

[9] Kadenza aktarx tkun b'ħafna noti qosra mhux akkumpanjati li dari kienet tintuża biex tagħlaq xi arja operistika. Oriġinarjament, kienet tindaqq jew titkanta spirtu pront. Ġieli wkoll, kienet tkun imħejjija minn qabel permezz tal-kitba.